ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 57 IT-TLIETA, 8 T'APRIL 2019**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar it-Tlieta, 8 t'April 2019.

**PREŻENTI (Ħdax-il Kunsillier)**

Jesmond Aquilina – Sindku
Bjorn Azzopardi – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia – Kunsillier (7.30p.m.)
Robert Reno Cremona – Kunsillier (7.00p.m.)
Renald Falzon – Kunsillier
Josef Aquilina - Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Martina Brancaleone – Kunsillier
Antoine Saliba Haig – Kunsillier
Daniel Bugeja - Kunsillier
Mattea Sghendo – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

ĦADD

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri –Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippresjeda il-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.localgovernment.gov.mt.

**57/01 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 57**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 54 li nżammet nhar it-Tnejn 14 ta' Jannar 2019, Minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-kunsillier Josef Aquilina ssekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur** Għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 57 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**57/02 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**57/02/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** infurma li bħalma forsi jaf kulħadd mhux se jkun qed jikkontesta l-elezzjoni għall-Kunsill Lokali li jmiss u se jkompli l-ħidma tiegħu bħala President tar-Reġjun Nofsinhar.

**57/02/02** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** kkomunika bħalissa għaddej bosta xogħol li kien approva l-Kunsill. Minkejja li l-uffiċċju hemm nuqqas ta' staff wara r-riżenja ta' waħda mill-impjegati, x-xogħol baqa' għaddej b'ritmu tajjeb.

**57/02/03** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ikkomunika li ngħatat direct order lil kuntrattur privat sabiex jagħmel xogħol ta' żebgħa tas-sinjali li ilhom pendenti għal ħafna xhur.

**57/02/04** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ikkomunika li tqassmu l-inviti għall-attivita' tas-26 t'April fejn dakinhar se jsir l-inawgurazzjoni tad-dawl li se jkun installat fil-ġranet li ġejjin.

**57/04/05** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma wkoll li bħalissa qed jiġi nstallat id-dawl fil-pjazza ta' Triq Dun Marju u qed jiġu nstallati l-fanali fi Triq il-Wied u nxtegħlet il-pjazza ta' San Ġorġ fi Triq il-Ħelsien.

**57/04/06** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li waqt attivita' organizzata mill-E.T., il-President ta' Malta, ltaqa' mas-Sjra Maria João RAUCH, fejn uriet ix-xewqa li l-Kunsill ikun project partner fi proġett Ewropew li qed jinvesti fiċ-ċittadini, l-emigranti u s-snajja tradizzjonali. Is-Sindku qal li f'dan l-istadju m'hemm l-ebda spejjeż involuti.

Il-Kunsill approva li l-Kunsill ikun partner f'dan il-proġett.

**57/04/07** I**s-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li se jkunu qed isiru l-interviews għall-vakanza ta' skrivan mal-Kunsill Lokali, għada t-Tlieta 9 ta' April.

**57/05** **Audited Mid-Term Financial Statements**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-Audited Mid-Term Financial Statements (Jan-Aug'18)

Il-membri approvaw b'mod unanimu r-rakkomandazzjoni tal-board.

Il-Kunsill approva l-Audited Mid-Term Financial Statements u r-rakkomandazzjonijiet tal-Awdituri.

**57/06** **Tenders**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda t-Tender Evaluation Report għat-tenders Street Sweeping u Street Lighting.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu r-rakkomandazzjoni tar-Rapporti.

**57/08** **Korrispondenza**

**57/08/01** **Talba għal refund minħabba ħofra fi Triq il-Belt Valletta**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda talba għal refund minħabba ħsarat li ġġarbu minħabba ħofra fi Triq il-Belt Valletta. Il-Kunsill approva li jinħareġ refund.

**57/08/02** **Disinn ippreparat mill-Perit dwar l-installar ta' Gym Equipment fi Ġnien Tumas Fenech.**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda kopja tad-disinn ippreparat mill-perit sabiex jiġi nstallat Ġym Equipment fi Ġnien Tumas Fenech, taħt l-iSkema 'Ħajja Aħjar permezz ta' Eżerċizzju Fiżiku u Sports'.
Il-Kunsill approva b'mod unanimu d-disinn ippreżentat.

57/08/03 Korrispondenza mill-Pulizija – Festi 2019

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda korrispondenza bejn is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku u l-Pulizija dwar il-festi 2019, fejn il-Pulizija qed jiġbdu l-attenzjoni dwar il-gabbani fi Triq San Franġisk. s-Sindku nfurma li jinsab iddiżappuntat li saru laqgħat bejn il-Pulizija u l-Għaqdiet tal-festi u l-Kunsill lanqas biss kien mistieden u spjega li f'dan l-istadju l-Kunsill ma jistax jieħu tali deċiżjoni u dan is-suġġett għandu jiġi diskuss ma' Kunsill ġdid għas-sena d-dieħla.

Il-Kunsill qabel unanimament ma din id-deċiżjoni.

**57/09** **Skeda ta' Ħlasijiet**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Marzu.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** ppropona l-approvazzjoni tal-iskedi.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda**.**

Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Marzu

**57/10** **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**57/10/01** **Il-Kunsillier Ralph Puli** ppropona li Ġnien iż-Żebbuġ jiċkien u jsiru parking spaces fish bone, biex b'hekk il-Kunsill ikun qed iżid il-parking. Is-Sindku spjega li hu ma jaqbilx ma din il-proposta għall-fatt li jekk il-Kunsill jagħti prijorita' għall-parking biss, se jkun qed jitnaqqar il-ftit spazju miftuħ li fadal.

**57/10/02** **Il-Kunsillier Renald Falzon** infurma li fi Triq in-Naħal k/m triq ix-Xitwa se jsir żvilupp u jidher li t-triq se tingħalaq. Il-Kunsillier Renald falzon ippropona li l-Kunsill jippreżenta

korrispondenza lill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex jintalab li ssir service road u rain water culvert, li jilqa' l-ilma tax-xita li jinżel minn Triq il-Bħajra.

57/10/03 **Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** staqsa dwar il-proġett ta' CenterParc. Is-Sindku Jesmond Aquilina nfurma li hu ġie nfurmat bit-tibdil fil-Local Plan minn ġurnalist ta' MaltaToday, il-Ħamis. Il-Kunsill prova jagħmel kuntatt mal-Perit tal-Kunsill sabiex titressaq Representation Letter dwar din il-proposta, iżda minħabba ħsarat fl-emails, il-Perit ma rċieva xejn.

57/10/04 **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** nfurma lill-membri li l-abbuż ta' parkeġġ illegali fi Triq il-Belt Valletta għadu qed iseħħ, kull filgħodu.

57/10/05 **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** nfurma li jeħtieġ li jsir tindif tal-mina ta' Triq Tal-Bajjada li tinsab fi stat ħażin ħafna ta' ndafa u manutenzjoni.

57/10/06 **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ppropona li l-Kunsill iressaq talba sabiex il-parkeġġ tal-Qormi Health Centre jinfetaħ għall-pubbliku. Is-Sindku nfurma li l-Kunsill m'għandu l-ebda dritt jitlob dan kollu, minbarra l-fatt li m'għandux jidħol għal responsabbilta' ta' dan it-tip.

**57/11 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina aġġorna il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar l-Erbgħa, 24 ta' April 2019, fis-6.30p.m.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Jesmond Aquilina | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti kkonfermati llum 24 ta' April 2019